MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2007

Numru 3/2006

**Ir-Repubblika ta' Malta**

***versus***

**Stanley Chircop bin Joseph u Philippa nee' Spiteri imwieled fis-27 ta' Frar, 1970 residenti Fgura detentur tal-karta ta' identita` bin-numru 143370M**

Il-Qorti:
Rat it-talba tal-prosekuzzjoni u l-oppożizzjoni tad-difiża;
Rat l-art. 646 tal-Kodiċi Kriminali;
Rat illi l-Kodiċi Kriminali għandu jkun interpretat b'mod konformi mal-Kosititzzjoni ta' Malta li, fl-art. 39(6) trid illi l-akkużat jingħata faċilitajiet biex jeżamina x-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni;
Tqis illi, fil-każ tallum:

1. ix-xhud Norman Mayo huwa wieħed mix-xhieda ewlenin tal-prosekuzzjoni;
2. l-informazzjoni illi huwa assenti nkisbet reċentement, u għalhekk l-akkużat ma kienx mgħarraf illi kellu jagħmel il-kontro-eżami fi stadju preċedenti; u
3. mix-xhieda ta' l-uffiċjal esekuttiv, il-qorti ma hijiex għal kollox konvinta illi Norman Mayo tassew huwa assenti għal perijodu twil jew indeterminat.

Għalkemm xhieda mogħtija regolarment fi stadju preċedenti tal-proċeduri ma għandhiex, bħala regola, tkun skartata fil-każijiet illi l-liġi tippermetti li titqies ukoll f'dan l-istadju, madankollu fil-każ tallum il-qorti hija sodisfata illi hemm l-estremi biex l-akkużat jingħata fakultà jeżamina lix-xhud, sabiex titħares l-*equality of arms* li trid il-liġi. Għal dawn ir-raġunijiet tiċħad it-talba tal-prosekuzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------